KLR 33/VII/2015

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 6 t'Awwissu 2015 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membru Anthony Briffa.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat (KLR 30 u KLR 31).

**1. *Update – ERDF 249 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.***

Is-Sindku qal li hu fiduċjuż li l-madum neċessarju ser jiġi provdut minn Gatt Tarmac Ltd. sabiex malli tgħaddi l-festa ta' Sant Marija jkun jista' jibda jitpoġġa l-madum fi Pjazza Indipendenza.

Id-deċiżjoni tat-tneħħija tas-siġar minn Pjazza Indipendenza ser tittieħed mill-MEPA u titħabbar nhar it-8 t'Ottuburu 2015.

Il-membri qablu li l-*barriers* tal-pulizija li tpoġġew wara l-monument ta' Mons Lwiġi Vella għandhom jitneħħew minħabba li qed jikkawżaw konġestjoni tat-traffiku peress il l-vetturi jipparkjaw il-barra minnhom u qed jikkawżaw ukoll dehra kerha.

Il-membri ġew mgħarrfa li l-PPCD kkonċediet estension tal-iffinalizzar tal-proġett għal-aħħar ta' Diċembru 2015, pero' l-Kunsill xorta ser jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex il-pavimentar ta' Pjazza Inidpendenza jkun lest sa l-aħħar ta' Settembru 2015.

Il-membri qablu li jiġu ordnati marki tal-i*stainless steel* li jeħlu fl-art u jkunu jindikaw il-parkeġġi fi Pjazza Savina.

Tressqet korrispondenza mingħand Lelio Spiteri, Kap tal-iskola Primarja tar-Rabat, George Cassar, Assistent Librar fil-Librerija Nazzjonali t'Għawdex u Dr Joseph Bezzina mill-Arkivju Nazzjonali t'Għawdex. Dawn ilmentaw fir-rigward tal-irħama li tpoġġiet quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola primarja fi Triq Vajringa. Il-membri qablu li jekk din fiha xi żball għandu jiġi rmedjat.

Korrispondenzi separati mingħand Pawlu Żammit u  Vicky Grech jirrigwardjaw iż-żebgħa ta' bieb minħabba li kellu jitranġa biex tpoġġa l-madum fi Triq Siur M'Anġelo Refalo u s-Sinjura Grech ilmentat li waqgħet tlett darbiet fi Pjazza Savina.

**2. *Update – Playing Field***

Tressaq ir-rapport tal-offerta ADV/09/15 – *Supply and Insatallation of Playing Field Equipment & Safety Flooring*. Ir-rapport jinsab anness f'Dokument A.  Il-membri qablu li jimxu fuq il-parir tal-bord u l-offerta tingħata lill-JGC (*option* 1) għall-prezz ta' €91,210.

**3. *Update – Project – Enhancing the visitor's rural experience in Victoria's valleys***

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li ntalbet estensjoni sabiex dan il-proġett ikun jista' jsir fil-ħin.

**4. *Update – Extension of the Heritage Trial to Pjazza San Gorg Project***

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li ntalbet estensjoni sabiex dan il-proġett ikun jista' jsir fil-ħin.

**5. *Public Private Partenrship* – Toroq Wied is-Seqer, Sagħtar u Ġanni Vassallo**

L-ewwel allokazzjoni li d-Dipartiment għal-Gvern Lokali kien għadda lill-Kunsill fil-11 ta' Mejju 2011 u li tammonta għall-€45,934.85 għandha tkun l-ewwel pagament fuq dan il-proġett.  Dan wara li tressaq ir-rapport tal-Perit.

**6. Pjazza San Franġisk**

Il-membri qabli li għanda tintalab informazzjoni mill-Minsiteru għal Għawdex rigward f'hiex wasal il-proġett li għandu jsir fi Pjazza San Franġisk.

**7. Approvazzjoni tal-kontijiet**

Ġew approvti l-kontijet għax-xahar t' Awwissu u Settembru 2015.  Dawn annessi f' dokument B.  Mill-allokazzjoni ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2015 ġew imnaqqsa €20,923 li huma dovuti lill-Wasteserv fuq *tipping fees* għall-2014 u ġew imnaqqsa €815 li huma dovuti lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali u li jkopru reklami għall-offerti maħruġa fuq il-proġett tal-ERDF.

**8. Immanigjar tat-traffiku – Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand Tranport Malta (TM) fejn inħareġ il-permess għall:-

8.1 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' qrib id-dar ta' George Grech, 'Altona House', Triq l-Assunta;

8.2 *one metre double yellow lines* mal-ġnub ta' garaxx 68, Triq Mattia Preti;

8.3 *yellow lines* quddiem il-garaxx 60, Triq Repubblika;

8.4 *one metre double yellow lines* quddiem l-entraturi taż-żewġ *drive ins* ta''Manresa Mansions', Triq Sta. Domenika;

8.5 *single yellow line* mill-APS Bank sal-kantuniera ta' Tiġrija Palazz fi Triq taħt Putirjal.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għall:-

8.6 *double yellow line* quddiem l-entratura ta' 'Santa Rita', Triq Dun Pawl Micallef;

8.7 *speed limit signs* fi Triq Mons. Luiġi Vella;

8.8 *pedestrian area* minn *Roma Shopping Complex* sa Triq San Ġużepp fi Pjazza Indipendenza. Għandhom jiġu rispettati l-ħinijiet tal-*un/loading* ta' Pjazza San Ġorġ;

8.9 *double yellow line* quddiem l-entratura ta' 'Tad-Dawwara', Flat 2, Triq Kerċem;

8.10 tneħħija ta' parkeġġ fuq iż-żewġ naħħat ta' Triq Muniċipju Ruman fil-parti d-dejqa;

8.11 parkeġġ riservat quddiem 'Bogi Auto Parts Ltd';

8.12 *un/loading bay* quddiem 'High Revs', Triq Kapuċċini;

8.13 *un/laoding bay* quddiem il-Vet ta' Triq Wied is-Seqer.

## 9. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

9.1 il-Kummisjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' fejn intalab sabiex il-partkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Pjazza San Franġisk jitressaq f'post fejn ma jkunx affetwat minn armar tal-festi. Il-membri qablu;

9.2 is-Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun Għawdex fejn:-
9.2.1 intalbu l-veduti tal-Kunsill rigward is-*CCTV* ta' Pjazza San Franġisk. Il-membri qablu li fil-preżent għandu jibqa' kollox kif inhu;
9.2.2 intalab sabiex jiġi nominat sostitut tas-Sindku sabiex jirrapreżenta lill-Kunsill fir-Reġjun t'Għawdex meta s-Sindku jkun indispost. Il-membri qablu li s-sostitut għandu jkun il-Viċi Sindku.

9.3 il-GreenPak rigward artikulu li deher f'gażżetta dwar it-tneħħija tal-*Bring in Site* ta' Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-Kunsill kien ħa din id-deċiżjoni peress li r-residenti tal-inħawi kienu qed ibagħtu ħafna minħabba li din l-*area* kienet qed timtela b'ammont sostanzjali ta' skart mormi illegalment;

9.4 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward is-*CIES Scheme*. Fuq parir tad-Dipartiment il-membri qablu li tinħareġ sejħa interna sabiex jimtela post vakanti *part time* minn fost l-impjegti tal-Kunsill;

9.5 Gina Portelli li talbet permess ta' Żona A minħabba li tieħu ħsieb missierha li joqgħod fi Triq id-Dejqa. Il-membri qablu;

9.6 Mario Attardli talab sabiex hu u *band* żgħira jkunu jistgħu idoqqu fl-attivitajiet tal-Milied. Din it-talba għandha tinżamm ma talbiet oħra simili;

9.7 *Allcare Insurance Ltd* fejn il-Kunsill ġie magħrraf li l-assigurazzjoni tiegħu ġiet trasferita lill-*Mapfre Middlesea plc*.

**10. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

10.1 il-qsari tal-konkos li hemm fi Pjazza Santu Wistin u li m'għadx baqalhom użu għandhom jitneħħew;

10.2 jitqabbdu l-*Green Wardens* pajżana sabiex jissorveljaw rimi ta' skart illegali fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex u Pjazza Indipendenza;

10.3 kull minn kellu permess sabiex jarma kiosks fi Pjazza San Ġorġ fil-festa ta' San Ġorġ ikun infurmat li tħalla ħmieġ u ħama fil-qsari li hemm iżejnu din il-pjazza. Il-Kunsill għandu jinfurmahom li jekk dan jirrepeti ruħu jiġu kkunsidrati miżuri oħra fil-kundizzjonijiet ta' kif jinħarġu dawn il-permessi;

10.4 l-Perit jiġiu nfurmat bil-problema taż-żamma tal-ilma tax-xita li jkun hemm quddiem'LuiMar' fi Triq Qasam San Ġorġ;

10.5 jsiru bankini ġodda quddiem bini li sar ġdid fi Triq Ġuże' Labre' u fi Triq Aniċi;

10.6 għandu jiġi kunsidrat jekk man-niċċeċ li qed jiġu restawrati jkunx jista' jsir dawl mqabbad mad-dawl tat-toroq.

10.7 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-Kunsill irċieva €10,000 mill-iskema tal-Attivitajiet Kulturali li jkopru l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena 2014. Il-membri qablu li għall-laqgħa li jmiss għandu jitressaq rendikont tal-attivitajiet li saru fil-Milied li għadda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wara li jiġi evalwat dan ir-rendikont il-Kunsill għandu jara x'inhuma l-prijoritajiet qabel jikkometti ruħu sabiex jorganiżża attivitajiet li ma jkollux fondi biex iħallashom. Ġibdet l-attenzjoni li l-ispejjes li saru fl-attivitajiet tas-sena li għaddiet għall-Milied, fil-maġġorganza tagħhom għadhom ma tħallsux.

10.8 Ingħataw dettalji rigward il-proġett li qed isir mill-Gvern Ċentrali, b'fondi mill-Unjoni Ewropea fejn qed jinbidel dawl tat-toroq arterjali u jsir *LED*.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2015 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |